# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Novembru, 2001**

**Numru 6**

**Rik. Nru. 738/00 GV**

**Barc Company Limited**

**vs**

**Avukat Generali u Carmen Gatt, Edmond Gatt, Simon Gatt, Dolores Gatt Baldacchino, Josienne Tonna, hawa Gatt Baldacchino, u Arcidiacono Limited u Renato Arcidiacono**

**<u>Ir-rikors promutur</u>**

Is-socjeta' rikorrenti ipprocediet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali bis-segwenti rikors li bih ikkontestat il-provvediment tal-Qorti ta' l-Appell tat-18 ta' Jannar, 2000, li bih irregolat

il-proceduri quddiemha fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs. Giuseppe Arcidicono et" nomine".

> "Illi fit-22 ta' Gunju, 1990 giet pprezentata kawza fl-ismijiet "Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs. Giuseppe Arcidiacono, Boris Arcidiacono u Renato Arcidiacono bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Arcidiacono Limited, u l-istess Renato Arcidiacono anke personalment" (Citazzjoni Nru 696/90);
>
> Illi b'sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla fl-20 ta' Jannar, 1998 id-domandi ta' l-attur gew milqugha bl-ispejjez kontra z-zewg konvenuti Arcidiacono Limited u Renato Arcidiacono personalment, liema sentenza giet appellata mill-konvenuti;
>
> Illi fl-24 ta' Frar, 1998 l-atturi appellati pprezentaw rikors li bih talbu lill Onorabbli Qorti ta' l-Appell biex hija "tohrog lill-imsemmi Renato Arcidiacono mill-kawza u tissostitwih mill-aventi kawza u successuri fit-titolu, is-socjeta' Barc Co. Ltd."
>
> Illi din it-talba giet opposta mill-konvenuti appellanti, izda l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell b'digriet ivverbalizzat fis-seduta tat-8 ta' Lulju, 1998 ordnat lill-atturi appellati biex b'nota fir-Registru jesibixxu kopja tal-kuntratt tat-12 ta' Mejju, 1995 u dan fi zmien hmistax-il gurnata. Fit-12 ta' Mejju, 1995 fl-atti tan-Nutar Dottor Rita Sammut kien gie pubblikat kuntratt ta' trasferiment maghmul min-naha l-wahda, minn Renato u Antoinette konjugi Arcidiacono bhala "vendituri", u, min-naha l-ohra, minn Boris Arcidiacono f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta' Barc Company Limited. In forza ta' dan il-kuntratt, is-socjeta' rikorrenti Barc Company Limited akkwistat billi xtrat l-appartament numru tlieta (3) Mimmo Flats, fil-blokk bin-numru hamsa (5), Saint Anthony Street, Msida, liema appartament jaghmel parti mill-blokk ta' appartamenti li dwaru qeghdha ssir il-kawza mill-atturi;
>
> Illi b'decizzjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Jannar, 2000, it-talba ta' l-atturi appellati kif kontenuta fir-rikors taghhom tal-24 ta' Frar, 1998 giet milqugha. l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ordnat "li jinhareg mill-kawza l-konvenut Renato Arcidiacono u minfloku tiddahhal is-socjeta' Barc Co. Limited b'dan li l-okkju tal-kawza ghandu jigi korrett konformament u b'dan ukoll li dan id-digriet jigi wkoll innotifikat lill-imsemmija socjeta' a karigu ta' l-appellanti."
>
> Illi dina d-decizzjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tikkostitwixxi lezjoni tad-dritt tas-socjeta' rikorrenti ghal smiegh xieraq kif

garantit mill-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu l-imsemmi ordni jintroduci fil-kawza persuna estranea ghal kollox gdida fl-istadju ta' l-appell.

Illi b'dina d-decizzjoni, is-socjeta' rikorrenti Barc Company Limited ser tigi mcahhda mill-beneficcju tad-*doppio esame* ghaliex hija ma kienetx parti f'dawn il-proceduri fil-prim'istanza u qatt ma kellha l-opportunita' li tressaq il-provi taghha, taghmel kontro-ezami lix-xhieda mressqa u taghmel is-sottomissjonijiet. Din is-sitwazzjoni giet reza ferm aktar gravi billi l-konvenut Renato Arcidiacono diga' gie kkundannat a tenur tad-domandi attrici, u s-socjeta' rikorrenti sabet ruhha mdahhla fil-kawza biex tiehu post l-imsemmi konvenut".

**<u>Risposti u verbali</u>**

Mhux mehtieg f'dan l-istadju li jigi notat il-kontenut tar-risposti ta' l-Avukat Generali u ta' l-intimati l-ohra fejn saru. Jigi registrat biss illi b'sentenza tat-30 ta' Gunju, 2000, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Minn dik is-sentenza appellat is-socjeta' Barc Company Ltd. b'rikors li fih talbet illi din il-Qorti Kostituzzjonali thassar, tirrevoka u tannulla l-istess sentenza u konsegwentement tilqa' t-talbiet taghha.

Fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2001, gie verbalizzat mill-Qorti li hi kellha tara jekk kienx il-kaz li jkun hemm astensjoni tal-President taghha billi kien ukoll ippresjeda f'Qorti kolleggjali, din id-darba ta' l-appell, li kienet diversament komposta u li kienet tat id-digriet impunjat. Hu biss dan il-punt li jrid jigi issa deciz.

Il-Qorti kkunsidrat illi l-mertu tar-rikors kostituzzjonali taht ezami hu effettivament il-konsiderazzjoni ta' allegazzjoni li l-Qorti ta' l-Appell, bid-digriet impunjat illediet il-jedd fondamentali tas-socjeta' appellanti ghal smiegh xieraq li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-art. 6 (1) ta' l-ewwel skeda tal-Kap 319. Hu manifest illi min kien jifforma parti mill-Qorti kolleggjali li tat dak id-digriet, ma setghax jaghti gudizzju fuq l-operat tieghu nnifsu. Kienet ghalhekk inevitabbli l-astensjoni tieghu fil-kawza kostituzzjonali li fiha kellha kellu jigi epurat u deciz dak il-mertu. Ma kienx lanqas il-kaz li din il-Qorti, kif komposta, tiehu konjizzjoni tal-validita' ta' l-aggravju tas-socjeta' appellanti ta' dan l-appell. Gudizzju dan li kellu jigi rizervat ghall-Qorti diversament komposta.

Ghal dawn il-motivi, billi l-President ta' din il-Qorti kien jifforma parti mill-Qorti ta' l-Appell illi ppronunzjat id-digriet impunjat, flimkien ma' l-Onorevoli Mhallef Joseph Filletti u l-Onorevoli Mhallef Franco Depasquale, l-istess President qieghed, wara li ra d-disposizzjoni relattiva tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz. L-appell jibqa' differit biex jigi trattat u deciz mill-Qorti differentement komposta. Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

Dep/Reg mm